

Brussell, 10 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13717/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0307 (NLE)**

**ACP 96
FIN 1177
PTOM 20**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2025 - Adozzjoni

1. Fit-2 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2025¹.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u laħaq qbil fil-livell tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fis-7 ta' Ottubru 2025.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu:
 - jadotta d-Deċiżjoni, kif tinsab fid-dokument 13504/25, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, billi jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata prevista fl-Artikolu 8 tal-Ftehim Intern applikabbli għall-11-il FEŻ²;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

¹ ST 13500/25 + ADD 1.

² ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.